# It-Traġedja tal-Kamra tan-Nar 25 ta' Novembru

## 04-05-2010

**Kitba ta' Christopher Chetcuti**

Nhar l-Erbgħa ta' Mejju 2010 fiż-Żejtun kienet għaddejja l-ħidma tas-soltu, kważi kważi xahar qabel il-festa titulari ta' Santa Katarina V. M. meta bħall f'leħħa ta' berqa ġriet l-aħbar kerha li fil-kamra tan-Nar 25 ta' Novembru ġewwa Lambordi f'Tas-Silġ seħħ inċident u kien hemm xi nies feruti. Għall-ewwel kulħadd beda jgħid tiegħu, u s-sitwazzjoni ma setgħetx tkun daqshekk ċara u eżatta. Iktar tard fil-pjazza taż-Żejtun kulħadd kien qed jitkellem dwar dan l-inċident, filwaqt li bdew jiġu mistennija aktar aħbarijiet. Iktar tard ġie mxandar li fil-Kamra kien hemm Ġanni Abela magħruf bħala s-sagristan, Salvu Abela, Mario Farrugia u Pierre Mifsud. Intqal ukoll li Ġanni Abela kien imweġġa' sew u kien qed jilgħabha mal-mewt filwaqt li t-tlieta l-oħra għalkemm kienu fil-post kienu weġġgħu ħafif, dawn l-aħbarijiet aktar bdew jitfgħu lill-poplu Żejtuni f'niket u ħsibijiet għal sħabhom li kienu għaddejjin minn din it-trawma tal-biża'.


Ġanni Abela li kien magħruf aktar bħala Ġanni s-sagristan

Ġanni Abela kien l-aktar fost dawn l-erba' persuni li kien magħruf fost iż-Żwieten dan għaliex kulħadd kien jaf li għamel żmien twil jaqdi dmirijietu bħala sagristan fil-parroċċa taż-Żejtun, Ġanni kien tassew raġel tal-ġabra u tal-familja. Kulħadd kien jinnutah jiġbor il-flus għan-nar tal-festa. Wara erbat ijiem ta' battalja mal-mewt, Ġanni tilef din il-battalja u nhar is-Sibt 8 ta' Mejju 2010 waslet l-aħbar li Ġanni Abela kien ħalla din id-dinja. B'turija ta' rispett l-Għaqdiet Żwieten tellgħu il-bnadar mezzasta u saħansitra anke fuq xi djar residenzjali bdew jidhru bnadar mezzasta.

Turija ta' rispett lejn dan il-bniedem kienet il-ftehim bejn l-Għaqdiet kollha responsabbli mill-festa, li l-festa ta' Santa Katarina V. M. 2010 tiġi mħassra kompletament.

Il-funeral ta' Ġanni Abela kien avveniment impressjonanti, il-Knisja Parrokkjali kienet imballata bin-nies, maġġor parti tagħhom Żwieten, magħhom żdiedu xi nies barranin li kienu midħla ta' dan id-delizzju li ġew jagħtu l-aħħar tislima lil Ġanni. Ir-rispett lejn Ġanni kompla jintwera meta dehru soċjetajiet mużikali minbarra ż-Żejtun li preżentaw lilhom infushom permezz tal-istandardi rispettivi tagħhom, u akkumpanjaw il-Korteo mill-Knisja Parrokkjali saċ-ċimiterju ta' San Girgor. Ġanni Abela ġie akkumpanjat miż-żewġ Baned Żwieten flimkien ma' soċjetajiet oħra.

Illum il-ġurnata minn fuq din it-traġedja għaddiet sena, iżda għadha friska fl-imħuħ tal-poplu Żejtuni sal-lum, dan juri kemm seħibna Ġanni kien għadu u jibqa' f'moħħna u f'qalbna.




Il-Banda Żejtun takkumpanja l-funeral ta' Ġanni Abela.